TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 7/11

**Connie Tonna**
**vs**
**Rosanne Galea – Future Focus Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija w għoxrinj ewro (€120), rappreżentanti prezz ta' kors li ma setgħetx tattendi minħabba mard immedjat.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħallset depożitu ta' mija w għoxrin ewro (€120) rappreżentanti kors ta' *child care* u ġralha mard serju qabel ma bdiet il-kors u għalhekk ma setgħetx tagħmel dan il-kors. Ir-rikorrenti ppreżentat diversi ċertifikati in sostenn tal-mard tagħha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant, it-Tribunal jikkonsidra illi dan in-nuqqas t'attendenza min-naħa tas-soċjeta' intimata huwa disinteress fil-kawża u li mhix qed tikkontesta t-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija w għoxrin ewro (€120), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**